9 ta' Diċembru, 1946.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

Veneranda Xuereb *versus* Giovanni Zammit et.

**Spoll — Eċċezzjonijiet — Kompliċi — Art. 572 tal-Kodiċi Ċivili u art. 794 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Kap. 15).**

*Il-konvenut f'kawża ta' spoll ma jistax jagħti eċċezzjonijiet li ma humiex dilatorji qabel ma jkun irreintegra lill-attur fl-istat pristinu; u l-Qorti għandha teżamina biss il-fatt tal-pussess jew detenzjoni u l-fatt ta' l-ispoll.*

*Awtur ta' l-ispoll huwa mhux biss l-eżekutur materjali, imma anki l-kompliċi u dak li a benefizzju tiegħu isir l-ispoll, u li preżu-*

*mibilment ikun ta' l-inkariku, partikolarment jekk dana jikkontrasta l-ġudizzju u hekk jirratifika taċitament l-ispoll.*

*Biex l-azzjoni ta' l-ispoll tiġi esperita validament għandha tiġi esperita ma' tul xahrejn minn meta jsir l-ispoll.*

Il-Qorti, — Fuq iċ-ċitazzjoni numru 203 ta' l-1946, li biha l-attriċi talbet li tiġi ordnata minn dina l-Qorti favur l-attriċi r-reintegrazzjoni tad-detenzjoni ta' l-erba' sigħan raba' bil-ġiebja segregati mill-għalqa "ta' Twila" jew "tal-Balal", li qiegħda Birkirkara, Triq Irjali, Via Għargħur, u tal-kamra l-tmiss mar-razzett relativ, u li l-konvenuti jiġu kundannati li jirrilaxxjaw favur tagħha l-istess erba' sigħan raba u l-istess kamra f't terminu qasir u perentorju li tiffissa l-Qorti, peress li l-istess konvenuti arbitrarjament spoljaw lill-attriċi mill-imsemmija detenzjoni fl-ewwel nofs tax-xahar korrenti ta' Marzu 1946; u li (2) il-konvenuti jiġu "in solidum" kundannati li jħallsu d-danni kaġunati lill-attriċi bħala effett ta' l-ispolju msemmi, likwidabili minn dina l-istess Qorti; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li għandhom jidhru għas-subizzjoni;

*Omissis*·

Rat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, li biha l-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti; billi laqgħet l-ewwel talba u għall-finijiet tagħha pprefiġġiet lill-konvenuti t-terminu perentorju ta' tmint ijiem mil-lum, l-ispejjeż a kariku tat-tliet konvenuti; u ddifferiet it-trattazzjoni dwar it-tieni domanda, wara l l-Ewwel Qorti kkunsidrat:

Illi l-azzjoni esperita hija dik ta' spoll privileġġjat kontemplata fl-art. 572 tal-Kodiċi Ċivili, b'riferenza espliċita għall-art. 794 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 15. F'dana l-artikolu ta' l-aħħar jingħad illi l-konvenut f'kawża ta' spoll ma jistax jagħti l-ebda eċċezzjoni li ma hijiex dilatorja qabel ma jkun irreintegra lill-attur fl-istat pristinu, u illi l-Qorti għandha teżamina biss il-fatt tal-pussess jew detenzjoni u l-fatt ta' l-ispoll;

Illi l-attriċi kellha mqabbla għandha "ex jure proprio", u mbagħad "ex juribus fratris", l-għa'qa kollha msemmija fiċ-ċitazzjoni............ L-ispoll allegat jirrigwarda l-ħabel ta'

erba' sighan li l-attrići Zammet f'dejha; illi mill-provi deher illi fis-7 ta' Marzu 1946, il-konvenuta Anna Zammit dahlet bi vjolenza f'dawn l-erba' sighan ta' l-attrići billi mbuttat ġewwa bieb ta' kamra, u ssussat u fethet il-bieb tal-bitha li jaghti ghal dawn l-erba' sighan; illi l-fatt ta' tqeghid taddemel, li kien sar f'Jannar 1946, kien haġa separata, u l-attrići irrimedjat ghalih b'idejha u ghalhekk ma fittxet ebda rimedju legali. It-terminu ghalhekk ghandu jitqies mat-tieni inċident, ċjoè mis-6 ta' Marzu 1946. Peress li ċ-ċitazzjoni saret fit-28 ta' Marzu 1946, ghalhekk ir-rekwiżit rikjest bilkliem "infra bimestre deduxisse" huwa sodisfatt;

Illi kwantu ghal-leġittimazzjoni passiva ta' din l-azzjoni, il-konvenuti huma tlieta, ċjoè Giovanni Zammit, martu Anna Zammit, u binhom Giuseppe. Il-konvenuta Anna Zammit ġiet ċitata sewwa, ghaliex hija l-awtrići materjali mistqarra ta' l-ispoll. Kwantu ghat-tnejn l-ohra, il-missier u ibnu, ghandu jiġi notat illi skond il-ġurisprudenza in materja, awtur ta' l-ispoll ma hux biss l-eżekutur materjali, imma anki l-kompliċi u dak li a benefiċċju tieghu jsir l-ispoll, u li preżumibilment ikun ta l-inkariku (mandant), partikolarment jekk dan, billi jikkontesta l-ġudizzju, ikun irratifika taċitament l-ispoll. L-inkariku jiġi anki preżunt minn rapporti ta' dipendenza bejn l-attur materjali ta' l-ispoll u l-persuna l-ohra, u anki mill-fatt illi din il-persuna l-ohra tkun interessata fid-detenzjoni tal-fond li dwaru jsir l-ispoll (ara d-diversi deċiżjonijiet li minnhom ġew desunti dawn il-prinċipji, riportati fir-Repertorju tal-Fadda (comm. art. 695-697, paragrafi 237, 238, 239, 240, 241, 242 u 243);

Illi dawn ir-rekwiżiti jikkonkorru fil-każ tal-konvenuti Giovanni Zammit u ibnu Giuseppe. Infatti jirriżulta illi l-konvenut Giovanni hu soċju ta' l-attrići fid-detenzjoni tal-bqija tal-ghalqa minbarra dawk l-erba' sighan. Huwa kkuntrasta l-azzjoni esperita, u di pjù xehed b'mod illi akkomuna, daqs li kieku kienet haġa tieghu, l-azzjoni ta' martu billi pprova jiġġustifikaha. Hu ppretenda.................. Il-kumpless kollu juri li dak li ghamlet martu sar bil-konnivenza u inkariku tieghu, u ċertament fl-interess anki tieghu. Kwantu ghall-kon-

venut Giuseppe Zammit, mix-xhieda ta' l-stess konvenuti jirriżulta ad eżuberanza l-interess li kellu dan il-konvenut biex jieħu taħt idejh l-erba' sigħan biex jiġi rikonoxxut m.l-lokatur.............. ;

Illi għalhekk l-ispoll kien hemm mill-parti tat-tliet konvenuti, u l-"actio spolii" ġet eżerċitata fit-terminu. Evidentement, meta l-konvenuti ndunaw li ma rnexxielhomx jieħdu b'mod legali taħt idejhom dawn l-erba' sigħan, iddeċidew allura jieħdu l-liġi f'idejhom, u sab ex jiġi evitat abbuż simili hemm appuntu l-azzjoni tar-reintegranda, li tidderiva minn fatt delittwuż u ma hijiex bażata fuq ebda preżunzjoni ta' proprjetà ;

Illi kwantu għat-tieni domanda dwar id-danni, ma hux opportun li din tiġi deċiża qabel ma tgħaddi in ġudikat is-sentenza fuq l-ewwel domanda (jekk il-partijiet ma jiġux fil-frattant għal xi transazzjoni dwar dawn id-danni fil-każ li jkun hemm l-akkwijexxenza għal din is-sentenza) ;

Rat in-nota ta' l-appell u l-petizzjoni tal-konvenuti, fejn talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata fejn ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mogħtija m.ll-konvenuti bl-ispejjeż, u laqgħet l-ewwel talba bl-ispejjeż a kariku tat-tliet konvenuti, u billi tiġi akkolta l-istess eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u l-eċċezzjonijiet fil-meritu mogħtija mill-esponenti ;

*Omissis;*

Ikkunsidrat ;

Li tlieta huma l-kwistjonijiet devoluti għal dina l-Qorti ; l-ewwel illi l-azzjoni ta' l-ispoll hija preskritta ; it-tieni illi, subordinatament, id-domanda ma għandhiex tiġi milqugħa kontra t-tliet konvenuti ; u t-tielet ill d-domandi attriċi fil-meritu ma għandhomx jiġu milqugħa għax infundati ;

Ikkunsidrat ;

Fuq l-ewwel eċċezzjoni, illi biex l-azzjoni ta' l-ispoll tista' tkun eżerċitata validament, dina għandha tiġi esperita ma' tul xahrejn minn meta jsir l-istess spoll. Il-fatti fil-qosor huma dawn :— L-attriċi tippossjedi l-għalqa "tat-Twila" jew "tal-Balal".................. Il-meritu ta' dina l-kawża jirraġġira biss fuq il-ħabel ta' l-erba' sigħan.............. Kien fis-6 ta' Marzu

l l-konvenuta fetħet bil-forza l-bibien tal-kamra u tal-bitħa. Iċ-ċitazzjoni ġiet preżentata fit-28 ta' l-istess xahar. Dina l-Qorti taqbel ma' l-Ewwel Qorti li l-ispoll sar fis-6 ta' Marzu, u għalhekk l-azzjoni ġiet proposta fiż-żmien li trid il-liġi;

Ikkunsidrat fuq it-tieni kwistjoni;

Illi t-tliet konvenuti huma responsabili, Anna il-għaliex kienet hija li sfurzat iż-żewġ bibien; it-tnejn l-oħra huma kompliċi, għaliex interessati fil-fond, sija bħala soċi jew diversament, għax ikkontestaw id-domandi u kwindi rratifikaw l-operat ta' Anna, kif ukoll għar-raġunijiet l-oħra dettaljati mill-Ewwel Qorti, li magħhom dina l-Qort taqbel;

In kwantu għat-tielet kwistjoni, l-attriċi ppruvat eżawrjentement bix-xhieda tal-Prepożitu tal-Kolleġġjata u tagħha stess, li hija d-detentriċi leġittima tal-ħabel ta' erba' sgħan, u l-konvenuti bl-ebda mod ma wrew li għandhom l-ebda dritt fuq il-qabel. Huwa veru li l-konvenuti talbu li jinstama' bħala xhud il-perit Michele Borg b'ex juri li l-kamra hija tagħhom; però, apparti l-fatt li huma ma taw qatt avviż ta' dana x-xhud fid-dikjarazzjoni tagħhom, Giuseppe Zammit ammetta li l-bieb tal-kamra kien sgassat minn ommu, u qal kif dan ġara (fol. 38 tergo). L-istess ammissjoni saret minn Giovanni (fol. 41). Iċ-ċavetta kienet għand l-attriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fuq it-tliet punti lilha devoluti; b'dan li t-terminu prefiss mill-Ewwel Qorti għandu jibda jiddekorri millum. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.